# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI 2938

**Kaz Nru. 4099/HW** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Karl Azzopardi (K.I. 354371 M)**

**vs**

**Awtorita tal-Bini u l-Kostruzzjoni**
**(Dwar tkeccija mill-Impjieg**
**allegata li hi ngusta -**
**Constructive dismissal).**

**Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).**

**Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjoni tar-rikorrenti Karl Azzopardi li gie pprezentat fir-registru tal-Qorti fid-29 ta' Settembru, 2022. Matul is-smigh tal-Kaz ir-rikorrenti kien assistit mill-Avv. Christine Calleja u ghall-Awtorita deher Jesmond Muscat li kien assistit mill-Avv. Anita Giordimania u mill-Avv. Dustin Camilleri.**

**Fid-dikjarazzjonijiet tieghu r-rikorrenti jghid li kien impjegat mal-Awtorita ntimata, permezz ta' kuntratt t'impjieg defenit datat 18 ta'**

**Mejju, 2021 fir-rwol ta' Chief Executive Officer u liema kuntratt ta' servizz kien ghal terminu ta' tlett snin**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li minhabba nuqqas ta' qbil mal-Ministru taht liema dekasteru taqa' l-Awtorita ntimata, kien gie mitlub sabiex jirrizenja, bl-intidement illi kien ser jithallas dak misthoqq lilhu skond il-kuntratt ta' impjieg tieghu f'kaz ta' terminazzjoni qabel iz-zmien miftiehem. Huwa jkompli jghid, li ma kellux ghazla ohra ghajr li jirrizenja mill-kariga tieghu, kif fil-fatt ghamel fil-31 ta' Mejju, 2022 u ghaldaqstant din kienet terminazzjoni sfurzata ekwivalenti ghall-constructive dismissal.**

**Huwa jghid ukoll, li qabel ma gie mpjegat ma' l-Awtorita ntimata kien Kap Ezekutiv tal-Indusrial Parks Limited u llum jisimgha INDIS Malta Ltd u fis-sena 2020 meta kien ghadu fl'impjieg ma l-INDIS gie appuntat membru tal-Bord tad-Diretturi li f'dak iz-zmien ma kienitx Awtorita imma kienet l-Agenzija tal-Bini u l-Kostruzzjoni.**

**Ir-rikorrenti jkompli jghid, li kien accetta peress li x-xoghol tieghu mal-INDIS kien relatat mal-bini u l-kostruzzjoni kif ukoll, li t-tahrig tieghu kien direttament relatat ma l-industrija tal-bini u huwa gradwat f'Masters in Business Administration (Project Management) mill-Universita ta' Wales u wkoll ghandhu Fellow tac-Chartered Institute of Building (UK) liema fellowship hija rikonoxxuta bhala Level 7 mill-MQRIC.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li f'dak iz-zmien bhala membru tal-Bord tal-Agenzija tal-Bini u l-Kostruzzjoni ghalkemm kien jokkupa kariga ta' non-executive kien hadem fuq l-istrategija ta' l-Agenzija biex tigi msahha u jkollha l-vizjoni ghas-settur ghas-snin li gejjien.**

**Huwa jkompli jghid, ir-rakkomandazzjonijiet li kien ghamel kienu gew sottomessi lil Ministru ta' dak iz-zmien u liema rakkomandazzjonijiet kienu gew milqugha bir-rizultat li fis-16 ta' April, 2021 dahal fis-sehh l-Att XIV tal-2021 u liema Att waqqaf l-Awtotrita ntimata.**

**Huwa jghid ukoll, li nsegwitu ta' dan kien gie mistoqsi jekk kienx interessat li jservi bhala Kap Ezekuttiv tal-Awtorita tal-Bini u Kostruzzjoni liema offerta kien accetta u f'April 2021 gie mhabbar il-Bord tad-Diretturi ta' l-Awtorita ntimata fejn gie mahtur bhala l-ewwel Kap Ezekuttiv u ghaldaqstant kellu jirrezenja minn Kap Ezekuttiv ta' l-INDIS.**

**Ir-rikorrenti jkompli jghid, li minnufih flimkien mal-Bord tad-Diretturi ta' l-Awtorita ntimata bdew jahdmu biex jghatu direzzjoni lill-Awtorita u l-istrategija kienet ibbazata fuq il-fattur ta' capacity building ghall-Awtorita kif ukoll, biex l-Awtorita tissahhah u jkun hemm regolamentazzjoni ghall-Industrija tal-kostruzzjoni.**

**Huwa jghid ukoll, li fil-fatt fl-ewwel tmien xhur flimkien mal-Bord tad-Diretturi tal-Awtorita kienu ffinallizzaw kemm l-istrategija kif ukoll pjan**

**ta' azzjoni u kien gie negozjat l-ewwel Ftehim Kolletiv kif ukoll kien gie approvat il-Budget ta' l-Awtorita ghas-sena 2022.**

**Huwa jghid ukoll, li flimkien mal-Bord tad-Diretturi kien gie ppjanat li f'Jannar, 2022 kellhom jibdew ir-reklutagg kif ukoll bdew ihejju rakkomandazzjonijiet ghal bdil tal-ligijiet u regoli tal-bini izda, il-process tar-reklutagg kellu jigi imwaqqaf peress li kien gie xolt il-Parlament fi Frar 2022 ghar-raguni li kienet thabbret l-elezzjoni ta' Marzu, 2022.**

**Ir-rikorrenti jkompli jghid, l'Awtorita kompliet bix-xoghol u dan ix-xoghol kellu jinhadem mill-ftit impjegati li kellha u kien hemm ukoll limitazzjoni ta' tekonologija li dawn l-aspetti huma kollha kritici biex l-Awtorita tkun tista tiffunzjona b'mod tajjeb.**

**Huwa jghid wkoll wara l-elezzjoni ta' Marzu, 2022 id-dekasteru tal-Awtorita gie taht ir-responsabilita tal-Onor. Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi u bejn Marzu u April kien hemm diversi laqghat kemm mal-Ministru kif ukoll mas-Segretarju Permanenti fejn giet diskussa l-missjoni u l-vizjoni tal-Awtorita flimkien mal-isfidi tal-capacity building.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll li fis-27 ta' Mejju, 2022 il-Ministru sejjah laqgha u wara li kien hemm diskussjoni, il-Ministru qal li ma kienx hemm kompatibilita bejn l-approcc tar-rikorrenti u l-vizjoni tal-Ministru u nvista ta' dan il-Ministru talab biex il-kuntratt ta' servizz tar-rikorrenti jigi terminat.**

**Huwa jkompli jghid, li f'din il-laqgha l-Ministru fil-prezenza tas-Segretarju Permanenti qallhu, li kien jaf li kellu kuntratt ta' servizz u l-Ministru qallhu li kien lest ihallas il-beneficcji li kienu dovuti lilhu jew jaghtih kariga alternattiva.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll li kien ghamilha cara lill-Ministru, li ma kienx behsiebu jfixkel pjani u fi spirtu ta' rieda tajba u professjonalita kien se jwarrab basta jigi mhallas dak li kien dovut lilhu skond il-kuntratt ta' servizz.**

**Huwa jkompli jghid li hass, peress il-Ministru ma xtaqux ikompli fl'impjieg bhala CEO ma kellux triq ohra ghajr li jirrezenja u r-rizenja kien ghamilha kontra r-rieda tieghu, ghax qabel ma nqala dan id-dizgwid huwa kien bihsiebhu jkompli bil-hidma tieghu mal-Awtorita ntimata. Huwa jkompli jispjega, li wara din il-laqgha mal-Ministru u s-Segretarju Permanenti kien informa bis-sitwazzjoni lic-Chairperson tal-Awtorita ntimata.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li kien cempillhu is-Segretarju Permanenti u talbu ittra ghax ma kienx kuntent b'email li kien bghat lic-Chairperson u s-Segretarju Permanenti qallhu, li ghal formalita kellu jghamel ittra ta' rizenja, liema ittra giet ifformolata mis-Segretarju Permanenti u twaslet ghand ir-rikorrenti mix-xufier u ffirmaha.**

**Ir-rikorrenti jkompli jghid, li kien ghamilha cara li jiffirma sakemm ma tigix pregudikata l-pozizzjoni tieghu u d-dritt li jiehu l-beneficcji li kienu dovuti lilhu.**

**Huwa jghid ukoll li fil-31 ta' Mejju, 2022 ircieva ittra minghand ic-Chairperson tal-Bord ta' l-Awtorita ntimata fejn gie nfurmat li r-rizenja tieghu kienet giet accettata u minn naha tieghu wiegeb u talaba sabiex jghaddu biex jiddiskutu l-kumpens.**

**Ir-rikorrenti jghalaq l-istqarrija tal-kaz fejn jghid, li minn dak inhar huwa ma semgha xejn aktar u kien ghalhekk, li fetah dawn il-proceduri sabiex jiehu dak li haqqu skond il-kuntratt ta' l-impjieg f'kaz ta' terminazzjoni.**

**L-Awtorita fl'istqarrija taghha qalet, li t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Hija tghid ukoll, li r-rikorrenti kien impjegat bhala Kap Ezekuttiv tal-Awtorita ntimata permezz ta' kuntratt ta' servizz definit datat 28 ta' Mejju, 2021.**

**l-Awtorita tghid ukoll, li nhar il-31 ta' Mejju, 2022 ic-Chairperson tal-Awtorita l-Perit Maria Schembri Grima rceviet e-mail minghand ir-rikorrent li permezz taghha huwa ddikjara b'mod car "that he intends to move on to pave way for new management of the Authority" u minn dakinhar ir-rikorrenti waqaf li jkompli jidhol l-ufficcju.**

**L'Awtorita tghid ukoll, li ghalhekk dan il-kaz ghandu jitqies bhala wiehed improponibbli stante li r-rizenja tar-rikorrenti kienet decizjoni volontarja u konxja da parti tieghu tant, li kkonferma l-email imsemmija permezz ta' ittra formali datata 31 ta' Mejju, 2021 mibghuta lic-Chairperson ta' l-Awtorita.**

**L-Awtorita tghalaq l-istqarrija tal-kaz taghha fejn tghid, li dan it-Tribunal Industrijali ghandu jichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez.**

**Mill-provi li tressqu quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li r-rikorrenti kien impjegat fil-grad ta' Kap Ezekuttiv ma' l-Awtorita ntimata fuq kuntratt ta' servizz defenit ta' tlett snin b'sehh mit-28 ta' Mejju, 2021.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehed ir-rikorrenti fejn ikkonferma l-background ta' l-involviment li kellu ma l-Awtorita ntimata u li diga kien spjega fid-dikjarazzjoni tal-kaz tieghu.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll li wara l-elezzjoni ta' Marzu, 2022 l-Awtorita ntimata kienet giet taht ir-responsabilita tal-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi u matul il-perjodu sa l-ahhar laqgha tas-27 ta' Mejju, 2022 kien hemm diversi laqghat kemm mal-Ministru kif ukoll mas-Segretarju Permanenti Carlos Tabone liema laqghat kienu kordjali u li fIhom gew diskussi diversi issues.**

**Rigward il-laqgha li sehhet fis-27 ta' Mejju, 2022 fix-xhieda tieghu r-rikorrenti jghid, li fl'introduzzjoni li ghamel il-Ministru wera car mieghu illi l-events li graw dik is-sena ma kienx kuntent bil-mod kif ir-rikorrenti kien qed immexxi l-Awtorita.**

**Ir-rikorrenti jkompli jghid li l-Ministru qallhu, wara li kkonsulta at higher level gie ghal decizjoni li ahjar ikun hemm tibdil fit-tmexxija ta' l-Awtorita u jaraw kif ikun hemm likwidazzjoni tal-kuntratt ta' servizz.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li l-laqgha ntemmet kordjalment u ghalih kienet cara li peress il-Ministru qal li ma kienx kuntent bih huwa kien se jwarrab pero huwa kien se jinghata settlement jew alternative position.**

**Fix-xhieda tar-rikorrenti tas-seduta 24 ta' Novembru, 2022 pagna 13 jghid, li wara l-laqgha tas-27 ta' Mejju, 2022 mal-Ministru u s-Segretarju Permanenti kkuntattja lic-Chairperon ta' l-Awtorita u spjegalha kif gara l-process u li kellu (ir-rikorrenti) dejjem on the mind li kien hemm qbil illi prattikament hemm termination, hemm jew liquidation jew alternative possibility u l-kwantum (b'riferenza ghal kumpens) ma tkellimnihx f'dik il-laqgha**

**Fix-xhieda tieghu r-rikorrenti jikkonferma dak li qal fl'istqarrija tal-kaz li bghat emails lic-Chairperson ta' l-Awtorita, pero l-emails tieghu ma gewx imwiegba ghajr dik meta r-rikorrenti r-rizenja u gie kkuntattjat mis-Segretarju Permanenti Carlos Tabone biex ghal formalita jghamel ittra,**

**liema ittra giet ifformolata mis-Segretarju Permanenti u r-rikorrenti ffirma in good faith u biex jimxi mad-direzzjoni.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehed is-Segretarju Permanenti Carlos Tabone fejn jghid, li kien hemm diversi laqghat mar-rikorrenti imma qatt ma giet diskussa t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu.**

**Fix-xhieda tieghu Carlos Tabone jghamel riferenza ghal laqgha li saret fis-27 ta' Mejju, 2022 fejn kien hemm prezenti l-Ministru u r-rikorrenti. Huwa jghid, li l-Ministru bhala parti mill-introduzzjoni semmgha li qiesu l-Awtorita ma kienitx qed tirrispondi ghal li kellu bzonn is-settur u l-istampa li kienet qed tigi moghtija mill-Awtorita kienet differenti mir-rejalta u li l-affarijiet ma jistghux jibqaw sejrien kif kienu qed isiru.**

**Ix-xhud jghid ukoll, li wara l-introduzzjoni tal-Ministru r-rikorrenti qal li hu kien qed jghamel l-almu tieghu u kien ir-rikorrenti li qal li jekk il-kaz kien kif qed jghid il-Ministru kien lest to move on u kien ir-rikorrenti li talab biex jekk jistghu jghenuh.**

**Ix-xhud ikompli jghid, li ma setghawx ihallu l-Awtorita mdendla u kien ghalhekk li ghamel kuntatt mar-rikorrenti fejn qallhu, peress li kien hemm dik id-decizjoni minn naha tar-rikorrenti, ghall formalita huwa kellu jghamel ittra.**

**Fix-xhieda tieghu Carlos Tabone jsosstni li fil-laqgha tas-27 ta' Mejju, 2022 la kien hemm pressure biex ir-rikorrenti jirrezenja u lanqas xi suggeriment mill-Ministru li jekk ma kienux qed jaqblu jirrezenja. Din giet minn naha tar-rikorrenti li qal moves on.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehed il-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi fejn jghid, li fl'ahhar laqgha qal lir-rikorrenti li kien hemm sitwazzjoni fl'Awtorita fejn ma kienx kuntent kif ir-rikorrenti kien qed jittratta certu issues u r-rikorrenti irreagixxa billi ddecieda u qallhu that he moves on.**

**Fix-xhieda tieghu l-Ministru jghid ukoll, li sa dak inhar ma kienx ra l-kuntratt ta' servizz tar-rikorrenti u d-diskussjoni tkompliet mar-rikorrenti fuq l-aspett dwar il-possibilita li jinstab xoghol alternattiv imma ma kienx hemm diskussjoni dwar kumpens. Ix-xhud jghid ukoll, li r-rikorrenti kellu laqgha ma Ministru iehor dwar xoghol imma ma kienx jaf x'irrizulta.**

**Matul il-provi t-Tribunal Industrijali ezamina l-messaggi bejn ir-rikorrenti u s-Segretarju Permanenti, l-ittra ta' rizenja u l-emails li r-rikorrenti bghat lic-Chairperson ta' l-Awtorita li huma :-**

1) **Email it-Tnejn 30 ta' Mejju, 2022 fil-hin 11.48 hrs;**
2) **Email it-Tlieta 31 ta' Mejju, 2022 fil-11.01hrs**
3) **Email it-Tlieta 31 ta' Mejju, 2022 fil-hin 3.26 hrs.**

**It-Tribunal Industrijali jinnota, li fil-kontenut ta' l-emails ghandhom aspett komuni fejn ir-rikorrenti qed jghamel ir-rizenja tieghu minn mal-Awtorita u mill-kontenut ta' l-istess emails rigward il-kumpens it-Tribunal Industrijali jirrizultalu, li fl-ewwel email ir-rikorrenti jghid "in line with the discussons held with our Hon. Minister, I'm expecting full settlement in line with my contract of employment and a personal fall back solution". Fit-tieni email ir-rikorrenti jghid "I am waiting for a settlement proposal" u fit-tielet email ir-rikorrenti jghid "without prejudice to settlement obligaitons relative to the employment contract".**

**It-Tribunal Industrijali jinnota l-messaggi bejn ir-rikorrenti u s-Segretarju Permanenti fejn jghid lir-rikorrenti "Karl ghal fini ta' procedura ghandi bzonn termination letter signed minn naha tieghek flok email – ha niehu extracts mill-email tieghek stess li bghat Tuesday (entitled – move on) u nibghat lil xi hadd ghada for signature".**

**Minn naha tar-rikorrenti wiegeb "important li jkun hemm without prejudice" u s-Segretarju Permanenti wiegeb "Issir distinzjoni bejn l-email u l-ittra for formality purposes".**

**It-Tribunal Industrijali ezamina wkoll l-ittra ta' rizenja li giet iffirmata mir-rikorrenti fejn fiha m'hemmx riferenza ghal kumpens.**

**It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li fit-trattazzjoni finali l-assistenza legali tar-rikorrenti tghid, li fi kwalunkwe kaz anke jekk ghal grazzja tal-argument wiehed kellu jaccetta illi r-rizenja tar-rikorrenti kienet wahda libera, il-kliem tal-klawzola huwa 'terminated'. Minn imkien ma jirrizulta illi trid tkun l-Awtorita illi tiehu d-decizjoni li tittermina. 'Terminazzjoni' ta' l-impjieg tista' tirrizulta minn tkeccija, rizenja jew ftehim bonarju. Dan ifisser illi anke jekk it-terminazzjoni kienet rizultat ta' rizenja, ir-rikorrenti xorta wahda hu intitolat bil-kuntratt illi jithallas il-kumpens skond l-istess klawzola 9.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-kaz inkwestjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra l-interpretazzjoni li giet moghtija mill-assistenza legali tar-rikorrenti li tghid, li peress klawsola 9 ghal kumpens kullma tghid Terminazzjoni, din tfisser li ghandu jkun intitolat ghal kumpens mhux biss f'kaz ta' tkeccija imma anke jekk jirrezenja jew jekk ikun hemm ftehim bonarju.**

**Rigward dan l-aspett it-Tribunal Industrijali l-ewwel ma jinnota, li din l-interpretazzjoni ta' Terminazzjoni ta' Dokument A tal-kuntratt ta' servizz hija sottomissjoni gdida, ghax ir-rikorrent ma ghamlix riferenza ghalija fir-rikors, fid-dikjarazzjonijiet u fix-xhieda tieghu u ghaldaqstant l-interpretazzjoni li qed jghati r-rikorrenti ta' Terminazzjoni qatt ma giet ittratta waqt is-smigh tal-kaz. It-Tribunal Industrijali jinnota, li r-rikorrenti dejjem sostna li kien hemm ftehim mal-Ministru li jinghata l-kumpens skond Dokument A, klawsola 9 tal-kuntratt ta' servizz.**

**Pero, it-Tribunal Industrijali xorta se jghamel l-osservazzjonijiet tieghu dwar l-interpretazzjoni ta' Terminazzjoni li qed jghati r-rikorrenti. It-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema rigward l-aspett ta' rizenja, li logikament ma jghamilx sens li jekk ir-rikorrenti jirrezenja mill-impjieg ghandu jkun intitolat ghal kumpens skond Dokument A, klawsola 9 tal-kuntratt ta' servizz u dan ghar-raguni, li ma jkunx ragonevoli li l-ghada li jkun gie ffirmat kuntratt ta' servizz, l-impjegat jista jirrezenja mill-impjieg u jinghata l-kumpens kollu li jkun hemm fil-kuntratt ta' servizz minghajr ma jkun hadem gurnata xoghol. Ghaldaqstant, f'kaz ta' rizenja l-impjegat m'ghandux ikun intitolat ghal ebda kumpens.**

**Rigward fil-kaz ta' Ftehim Bonarju, it-Tribunal Industrijali jinnota li f'dan il-kaz ikun jinhtieg il-kunsens u qbil taz-zewg partijiet li l-impjegat jinghata l-kumpens skond Dokument A, klawsola 9 tal-kuntratt ta' servizz, ghax jekk l-impjegat jirrezenja u ma jkunx hemm ftehim li jinghata l-kumpens imsemmi, huwa ma jkunx intitolat ghalih.**

**Rigward ir-riferenza ghat-tkeccija t-Tribunal Industrijali jinnota li din ghanda tigi kkwalifikata, li l-impjegat ikun intitolat ghal kumpens f'kaz li minghajr ebda raguni valida jigi terminat l-impjieg minn min ihaddem, ghax jekk ikun il-kaz ta' dixxiplina l-impjegat ma jkunx intitolat ghal kumpens.**

**Ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali meta jezamina dawn l-aspetti msemmija jikkonkludi u jiddeciedi, li Terminazzjoni li tinstab f'Dokument**

**A tal-kuntratt ta' servizz tfisser biss, li jekk ir-rikorrenti jigi terminat mill-impjieg minghajr raguni valida mill-Awtorita tal-Bini u l-Kostruzzjoni jkun intitolat ghal kumpens skond Dokument A klawsola 9 tal-kuntratt ta' servizz.**

**It-Tribunal Industrijali f'dawn il-kunsiderazzjonijiet jinnota li gie ffaccjat b'zewg verzjonijiet differenti; dik tar-rikorrenti fejn jghid, li l-Ministru qallhu li ma kienx kuntent kif qed imexxi l-Awtorita u ghal dan huwa irrezenja bl'intendiment li se jinghata l-kumpens skond Dokument A, klawsola 9 tal-kuntratt ta' servizz u l-verzjoni tal-Ministru fejn jghid, li ghalkemm ma kienx kuntent kif ir-rikorrenti kien qed immexxi l-Awtorita pero ma qalx lir-rikorrenti biex jirrizenja u kien ir-rikorrenti li qal to move on u ma kien hemm l-ebda ftehim li la jinghata l-kumpens skond Dokument A, Klawsola 9 tal-kuntratt ta' servizz jew xi kumpens iehor liema verzjoni giet ikkonfermata mis-Segretarju Permanenti Carlos Tabone fejn jghid ukoll, rigward li jigi moghti xoghol alternattiv kien suggeriment tar-rikorrenti li talab jekk jistghux jghejnuh.**

**Ghaldaqstant, f'dawn il-Kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali meta jibda jezamina l-provi ta' dak li sehh fil-laqgha tas-27 ta' Mejju, 2022 jirrizultalu li kien hemm qbil bejn il-partijiet, li l-Ministru qal lir-rikorrenti li ma kienx kuntent bil-mod kif ir-rikorrenti qed immexxi l-Awtorita.**

**It-Tribunal Industrijali meta jezamina dan l-aspett huwa tal-fhema, li m'hemm xejn abnormali li f'dan il-livell ta' tmexxija ta' l-Organizazzjoni**

**mhux biss ikun hemm idejat differenti bejn il-principal u l-management li jiehu hsieb it-tmexxija ta' kuljum ta' l-Organizazzjoni, imma wkoll ikun hemm il-kritika tal-principal ghan-nuqqassijiet li jhoss li jkunu qed isiru mill-management.**

**Mill-provi li ezamina t-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li r-rikorrenti ma ghamel l-ebda reazzjoni ghal kritika tal-Ministru ghax ta' lanqas ir-rikorrenti kellu jistaqsi lill-Ministru fejn kien qed jonqos sabiex ir-rikorrenti jkun jista jghati l-ispjegazzjoni tieghu.**

**Ghaldaqstant dwar dan l-aspett it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li anke kieku l-Ministru qal lir-rikorrenti biex jirrezenja ma jfissirx li r-rikorrenti kellu jaqbel mal-Ministru u jirrezenja.**

**It-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li f'dak il-hin tad-diskussjoni l-bargaining power kien f'idejn ir-rikorrenti ghax huwa kien diga fl'impjieg u meta t-Tribunal Industrijali jikkunsidra li r-rikorrenti ghandhu edukazzjoni terzarja u b'esperjenza li jmexxi diversi Organizazzjonijiet setgha facilment jghid lill-Ministru, li hu kien qed jimxi skond id-direzzjoni tal-Board tad-Diretturi u jekk il-Ministru ma kienx kuntent bih kellu jkun il-Ministru li jiehu l-azzjoni u jitterminalhu l-impjieg.**

**It-tieni punt li t-Tribunal Industrijali jikkunsidra l-allegazzjoni tar-rikorrenti fejn jghid, li hu rrizenja ghax f'dik il-laqgha tas-27 ta' Mejju, 2022 kien hemm ftehim mal-Ministru li jekk jirrezenja jinghata l-**

**kumpens skond Dokument A, Klawsola 9 tal-kuntratt ta' servizz liema allegazzjoni giet michuda mill-Ministru fejn jghid li qatt ma kien hemm dan il-ftehim.**

**Invista ta' dan, it-Tribunal Industrijali jezamina diversi provi u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa l-ittra ta' rizenja li r-rikorrenti ffirma wara komunikazzjoni li kien hemm bejnu u s-Segretarju Permanenti.**

**It-Tribunal Industrijali jinnota, li ghalkemm fl'ittra ta' rizenja m'hemmx riferenza ghal kumpens pero, fil-fhema tat-Tribunal Industrijali r-rikorrenti kien diga rrezenja mill-impieg permezz ta' l-emails li bghat lic-Chairperson ta' l-Awtorita u l-ittra ta' rizenja saret bla bzonn.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jezamina l-emails u dokumenti biex jistabilixxi jekk kienx hemm ftehim biex ir-rikorrenti jinghata il-kumpens skond Dokument A, Klawsola 9 tal-kuntratt ta' servizz u minn dawn il-provi t-Tribunal Inudustrijali jirrizultalu :-**

- **Fl'email tat-30 ta' Mejju, 2022 ir-rikorrenti jghid lic-Chairperson ta' l-Awtorita, li skond il-laqgha li kellu mal-Ministru kien qed jistenna li jigi moghti full-settlement skond il-kuntratt ta' servizz u soluzzjoni ohra bhala fall back position;**

- **Fis-seduta tal-24 ta' Novembru, 2022 ir-rikorrenti jghid li wara il-laqgha tas-27 ta' Mejju, 2022 kien kellem lic-Chairperson ta' l-**

**Awtorita u qallha li kien hemm ftehim u consensus bejniethom pero minghajr pregudizzju ghas-settlement jew alternative proposal pero l-kwantum (riferenza ghal-kumpens) ma tkellmuhx;**

- **Fl'email datata 31 ta' Mejju, 2022 fil-11.01 hrs li r-rikorrenti bghat lic-Chairperson ta' l-Awtorita jghidilha li kien qed jistenna proposta;**

- **F'email ohra datata-31 ta' Mejju, 2022 fil-hin 3.26 li r-rikorrenti bhgat lic-Chairperson ta' l-Awtorita jghidilha li qed jirrezenja minghajr pregudizzju li jigi moghti l-kumpens skond il-kuntratt ta' servizz;**

- **It-Tribunal Industrijali meta jezamina d-Dikjarazzjoni tal-kaz tar-rikorrenti f'punt 14 jghid "Nghid li fil-31 ta' Mejju, 2022 rcevejt minghand ic-Chairperson tal-Bord li nfurmatni li kienet accettat ir-rizenja. Jien irrispondejtha u tlabtha li nghaddu sabiex niddiksutu l-kumpens".**

**It-Tribunal Industrijali meta jezamina dawn il-provi jinnota, li r-rikorrenti mhux konsisstenti fil-provi li ressaq u minn dawn il-provi t-Tribunal Industrijali ma jirrizultawlux li fil-laqgha tas-27 ta' Mejju, 2022 kien hemm ftehim mal-Ministru li jithallas il-kumpens skond Dokument A, Klawsola 9 tal-kuntratt ta' servizz ghax kieku kien hemm ftehim, ir-rikorrenti ma kienx jghid fid-Dikjarazzjoni tal-kaz tieghu, wara li giet accettata r-rizenja tieghu huwa talab lic-Chairperson tal-Awtorita biex**

**jiddiskutu l-kumpens u lanqas ma kien jghid fl'email tieghu tal-31 ta' Mejju, 2022 mibghuta fil-11.01 li qed jistenna proposta u lanqas ma kien jghid fix-xhieda tieghu tal-24 ta' Novembru, 2022 li wara li ntemmet il-laqgha tas-27 ta' Mejju, 2022 kellem lic-Chairperson ta' l-Awtorita fejn qallha l-kwantum b'riferenza ghal kumpens ma tkellimnihx f'dik il-laqgha.**

**It-Tribunal Industrijali jinnota, li l-kumpens huwa stipulat f'Dokument A, Klawsola 9 tal-kuntratt ta' servizz u jekk kien hemm ftehim ma kienx hemm l-ebda htiega li jigi diskuss il-kwatnun tal-kumpens.**

**Pero it-Tribunal Industrijali biex ikun gust, meta jezamina l-provi bir-reqqa ma jeskludix li fil-laqgha tas-27 ta' Mejju, 2022 ir-rikorrenti gie moghti x'jifhem li jista jkun hemm alternattiva jew jinghata kumpens li l-kawntum tieghu kellu jigi diskuss, kif hu kien qal lic-Chairperson ta' l-Awtorita.**

**It-Tribunal Industrijali huwa ta' din il-fhema ghar-raguni, li din il-parti tax-xhieda tar-rikorrenti tikkolabara mal-verzjoni, li meta r-rikorrenti r-rizenja permezz ta' emails huwa gie avvicinat mis-Segretarju Permanenti biex ir-rizenja ssir formalment permezz ta' ittra, li fiha ma jkunx hemm riferenza ghal kumpens u fil-fhema tat-Tribunal Industrijali s-Segretarju Permanenti ta' x'jifhem lir-rikorrenti, li l-kwistjoni tal-kumpens kienet issue differenti u li din l-issue kienet se tigi diskussa**

**aktar il-quddiem u kien ghal din ir-raguni li r-rikorrenti ffirma l-ittra ta' rizenja li kienet minghajr riferenza ghal kumpens.**

**It-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema wkoll, li jekk ir-rikorrenti ma kienx gie moghti x'jifhem li kien se jkun hemm alternattiva jew kumpens li l-kwantum tieghu kellu jigi diskuss, is-Segretarju Permanenti ma kienx jipprova jevita l-issue tal-kumpenss billi ma ssirx riferenza ghalih fl'ittra, imma kien jghalaq din l-issue tal-kumpens u ma jhallijiex pendenti billi jghid lir-rikorrenti, li kien hu li rrezenja mill-impjieg u m'ghandu l-ebda dritt ghal kumpens.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezenti, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizjonali tal-partijiet, isib u jasal ghal konkluzjoni u jiddeciedi, li r-rikorrenti rrizenja volontarjament mill-impieg minn ma l-Awtorita ntimata.**

**It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li mill-provi li ezamina ma jirrizultalux li kien hemm ftehim biex ir-rikorrenti jinghata l-kumpens skond Dokument A klawsola 9 tal-kuntratt ta' servizz.**

**Pero t-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li r-rikorrenti gie moghti x'jifhem li kien se jinghata alternattiva jew kumpens li l-kwantum tieghu kellu jigi diskuss.**

**Invista ta' dan it-Tribunal Industrijali jikkonkludi, li ghalkemm ir-rikorrenti mhux intitolat li jigi moghti l-kumpens skond Dokument A klawsola 9 tal-kuntratt ta' servizz pero, ghax fil-fhema tat-Tribunal Industrijali r-rikorrenti gie moghti x'jifhem li kien se jkun hemm alternattiva jew kumpens finanzjarju li l-kwantum tieghu kellu jigi diskuss, dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li l-partijiet ghandhom jiltaqghu sa 26 ta' Novembru, 2023 biex jilhqu ftehim u fl'eventwalita li ma jsibux soluzzjonijiet biex jintlahaq ftehim sad-data msemmija, ghandhom jinfurmaw lit-Tribunal Industrijali sabiex ikompli jittratta din il-parti tad-Decizjoni u jikkonkludi din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**(Iffirmat)**

**Harold Walls**
**Chairman**

**Data :26.09.2023**